MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 89/2013

**Nico Leonhardt**

**vs**

**Petra Margarethe Hildegard Nemet**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors promotur ta' Nico Leonhardt, li wara li ppremetta illi:

Permezz ta' skrittura datata ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012), l-intimata obbligat ruhha li thallas lir-rikorrent is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, mitejn u ghaxar Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€28,210.25c) flimkien mal-imghaxijiet ta' hamsa fil-mija (5%), rapprezentanti self ta' flus u spejjez ohra inkorsi mir-rikorrent a favur l-intimat, liema ftehim qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dokument 'A'.

Inoltre, l-intimata obbligat ruhha li thallas lir-rikorrent, ir-rikavat mill-bejgh tal-oggetti mobbli kollha appartenenti lir-rikorrent u li kellhom jinbieghu f'*auction house* gewwa l-Germanja, u fin-nuqqas ta' bejgh, tirrifondi lura l-oggetti mobbli lir-rikorrent, liema oggetti mobbli jinsabu elenkati mal-istess ftehim u li ghandhom il-valur kumplessiv ta' tnejn u ghoxrin elf, sitt mija u ghoxrin Ewro (€22,620).

Skont klawsola numru 2 tal-imsemmi ftehim, l-intimata obbligat ruhha li thallas l-ammont dovut minnha lir-rikorrent f'pagamenti mensili ta' elf Ewro (€1,000) bl-ewwel pagament ikun dovut fl-ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) u l-ahhar pagament ta' mitejn u ghaxar Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€210.25c) flimkien mal-imghaxijiet relattivi ikun dovut fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014).

L-intimata ghadha sal-lum ma effettwat l-ebda pagament dovut minnha u ghaldaqstant tilfet il-beneficcju tat-terminu moghti lilha ai termini ta' klawsola numru 2 tal-ftehim.

L-intimata naqset milli thallas lir-rikorrent ir-rikavat mill-bejgh tal-oggetti mobbli li nbieghu gewwa l-*auction house* fil-Germanja, u lanqas ma rritornat l-oggetti mobbli li ma nbieghux kif obbligat ruhha li taghmel ai termini tal-ftehim immarkat bhala Dokument 'A'.

Ghaldaqstant, l-intimata hi debitrici tar-rikorrent fis-somma kumplessiva ta' hamsin elf, tmien mija u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€50,830.25c), flimkien mal-imghaxijiet relattivi, u dan in kwantu ghas-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, mitejn u ghaxar Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€28,210.25c) rapprezentanti self ta' flus u spejjez ohra inkorsi mir-rikorrent a favur l-intimata, u in kwantu ghas-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, sitt mija u ghoxrin Ewro (€22,620) rapprezentanti valur ta' oggetti mobbli li jinsabu fil-pussess tal-intimata.

Minkejja li l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex tottempera ruhha mal-ftehim iffirmat minnha datat 20 ta'

Gunju 2012, hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet l-intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara li l-intimata hi debitrici tar-rikorrent fis-somma kumplessiva ta’ hamsin elf, tmien mija u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€50,830.25c) flimkien mal-imghaxijiet relattivi, kif hawn fuq spjegat; u

Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrent is-somma ta’ hamsin elf, tmien mija u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€50,830.25c) flimkien mal-imghaxijiet relattivi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, inkluz ukoll dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 49/2013.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, l-intimata Petra Margarethe Hildegard Nemet ma ressqet ebda twegiba ghall-kawza.

Rat l-affidavit ta’ Nico Leonhardt.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi huwa principju stabbilit illi l-kontumacja ta’ konvenut f’kawza ma tekwivalix ghall-ammissjoni tat-talba tal-attur, li fuqu jibqa’ jinkombi l-obbligu li jipprova li l-istess talba tieghu jisthoqqilha li tintlaqa’.

Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti rnexxielu jipprova t-talba tieghu sal-grad rikjest mil-ligi illi l-intimata tassew hija debitrici tieghu fl-ammont imsemmi.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta’ hamsin elf, tmien mija u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu; tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lil Petra Margarethe Hildegard Nemet thallas lil Nico Leonhardt is-somma ta’ €50,830.25c; bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Petra Margarethe Hildegard Nemet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------